# DUN RODRIGU TAQBDU L-PESTA

*(Kelma b'kelma mill-"Promessi Sposi" tal-Manzoni).*

Lejla waħda, għall-ħabta tal-aħħar ta' Awissu, sewsew fl-aqqal tal-pesta, Dun Rodrigu kien sejjer l-ura d-dar, f'Milan, u kellu miegħu jwasslu l-fidil tiegħu Griżu, wieħed mittlieta jew erbgħa li min-nies kollha li kellu miegħu kienu baqgħulu ħajjin. Kien ġej l-ura minn bejta ta' ħbieb, li kienu ħadu l-għada jiltaqgħu jieklu u jixorbu kemm jasa' ġildhom biex iderru s-swied il-qalb ta' dawk il-jiem: u kull darba kien ikun hemm il-ġodda, u jonqos mill-qodma. Dun Rodrigu dak in-nhar kien wieħed mill-aktar li tbellħu; u, fost ħwejjeġ oħra, ma kienx daħħak bi ftit lil sħabu b'*orazzjoni funebri* (1) li paspar tal-konti Attilju, li kienet ħaditu l-pesta jumejn qabel.

Iżda, hu u miexi, kien q'ed iħoss bħal ħass ħażin, telqa, ħedla f'riġlejh, nifsu tqil, ħruq minn ġewwa, u kien irid kieku jwaħħal biss fl-inbid, fis-sahra, fis-sħana tas-sajf. Ma fetaħx fommu, mat-trieq kollha: u l-ewwel kelma tiegħu, kif waslu d-dar, kienet biex qal lil Griżu jurih imur il-għorfa tiegħu. Meta daħlu ġewwa, Griżu ra lil sidu wiċċu mbiddel, imbergħen, b'għajnejh imqabbża l-barra, u jżiġġ'ġu; u qagħad il-bogħod minnu: għaliex, għaż-żmien li kien, kull ċakkar kien jagħmel, kif igħidu, il-għajn ta' tabib.

" Afli jien inħossni tajjeb ", qal Dun Rodrigu, li kien qara fil-għamil ta' Griżu l-ħsieb li kien q'ed igħaddilu minn moħħu. " Jien inħossni tajjeb ħafna; imma xrobt, xrobt għandu mnejn xi ftit iż-żejjed. Kien hemm ħej qatra nbid isfar!... Imma, b'raqda tajba, kollox igħaddi. Bini ngħas kbir...Warrabli dak id-dawl minn quddiem wiċċi, għax q'ed jagħmini... q'ed idejjaqni!..."

" L-inbid q'ed jiċċajta ", qal Griżu, iżomm dejjem ruħu mwarrab. " Imma fittex imtedd, l-irqad jagħmillek tajjeb."

"Q'ed tgħid sewwa: jekk nista'...Mill-bqija jħossni tajjeb. Qegħedli hawn ħdejja, għal dak li jista' jinqala', dik il-qampiena żgħira, fejn taf dal-lejl inkun irrid xi ħaġa : u oqgħod għassa, fhimtni, jekk qatt tismagħni nċempel. Imma jien ma jkolli x'nambi xejn. Fittex oħroġ barra dak il-misħut ta' dawl", tenna mbagħad, waqt li Griżu kien q'ed jaqdih, jersaq lejh mill-anqas li kien jista'. " U l-mniegħel! għandu jdejjaqni daqshekk! "

(1) **Taħdita b'tifħir ta' xi mejjet.**

Griżu qabad id-dawl, u, wara li ta l-lejl it-tajjeb lil sidu, ħareġ bilġri minn ħdejh u fil-waqt dan daħal taħt il-friex.

Iżda l-friex rah muntanja. Tajru minn fuqu u tgezzez biex jorqod, għax kien tassew q'ed imut bi ngħas. Imma malli għajnu kienet tmur bih, kien jistembaħ b'qabża, donnu xiħadd, b'inkejja, ġie tah tixjira; u jħoss li żiedet is-sħana, żdiedu d-dwejjaq. Kien jarġa' jmur bil-ħsieb f'Awissu, fl-inbid, f'kemm kien ħaxxex u legleg, kien kieku jrid jista' jati l-ħtija kollha lilhom; iżda dejjem flok dal-ħsieb kien jiddeffes waħdu dak, li dak iż-żmien kien imxierek ma' kollha, li kien, biex tgħid hekk, jinfed mis-sensi kollha, u kien indeħes fit-taħdit kollu tal-laqgħa, għaliex kieu eħfef li tieħdu biċ-ċajt, milli tgħaddih bis-skiet: dak tal-pesta.

Wara li dam ħafna jitqalleb, fl-aħħar raqad, u beda joħlom ħolm l-aktar ikreħ u mħawwad. U minn ħolma għal oħra stħajlu jsib ruħu ġo knisja kbira, il-fuq, il-fuq, qalb kotra nies: isib ruħu, li ma kienx jaf la kif mar u l-anqas kif ġieħ il-ħsieb li jmur hemm, l-aktar f'jiem bħal dawk; u kien q'ed jitbaqbaq ġo fih. Kien q'ed iħares lejn dawk li kienu madwaru; kollha wiċċhom isfar, misbuq, għajnejhom biż-żlieġa, xoftejhom imdendla; kollha bi ħwejjeġ fuqhom nežlin bċejjeċ; u minn bejn it-tiċritiet kienu jidhru tbajja u għoqod. "Warrbu, ja ħafna klieb!" deherlu li kien q'ed igħajjat, fil-waqt li kien iħares lejn il-bieb ta' barra, li kien il-bogħod il-bogħod, u jsieħeb mal-għajta wiċċ ta' theddid, imma mingħajr ma jitħarrek, mhux biss, imma jintrass miegħu n-nifsu, biex ma jmissx ma' dawk l-iġsma moqżieża, li kienu qegħdin ġa jmissu miegħu ż-żejjed minn kull naħa. Imma ħadd minn dawk in-nies mibluħin ma kien juri li jrid iwarrab minnu u l-anqas li semgħu; mhux biss, imma bdew aktar irossu miegħu; u fuq kollox kien jistħajlu li xi ħadd minnhom b'minkbejh jew b'ħaġ'oħra kien q'ed jagħfsu mix-xellug, bejn qalbu u abtu, fejn kien q'ed iħoss nigża b'uġigħ u toqla. U jekk kien idur biex jara jeħlisx, minnufih xi ħaġa oħra, x'naf x'inhi, ġdida kienet tiġi titwaħħallu hemmekk. Sibel, ried jaħfen is-sejf; u deherlu li, imħabba fir-rassa, kien telagħlu l-fuq, u li kienet il-ġewża ta' dak li kienet qegħda tgħafsu dik in-naħa; imma, meta medd idu, ma sabx is-sejf, u ħass minflok nigża aqwa. Beda jħabbat, jilheġ kollu, u ried igħajjat aktar qawwi; meta deherlu li dawk l-uċuħ kollha daru lejn naħa waħda. Ħares hu wkoll; lemaħ pulptu (1), u mill-ħoġor tiegħu tfeġġ bħal ħaġa mqawsa, mielsa u tleqq; imbagħad tqum u tidher ċar ras imqarwża, im-

(1) Bil-malti *manbar*.

bagħad żewġ għajnejn, wiċċ, leħja twila u bajda, patri (1) wieqaf, il-barra mill-ħoġor tal-pulptu sa qaddu, fra Kristofru. Li, wara li ta ħarsa ta' sajjetta madwar il-ġemgħa kollha, lil Dun Rodrigu deherlu li waqqaf għajnejh fuq wiċċu, fil-ħin li rafa' idu, b'dik il-qagħda sewsew li kien ħa f'dik is-sala ta' mat-trieq tad-dejr żgħir tiegħu. Hawn rafa' hu wkoll idu b'dagħdiegħa, tqanżaħ, bħalkieku biex jinxeħed ħalli jaħtaf dak id-driegħ minxur; leħen li kien sejjer igerwel ġo griżmu faqqa' f'għajta tal-waħx, u stembaħ. Ħalla jaqa' driegħu, li kien rafgħu tassew; dam sa ma stejqer u fetaħ sewwa għajnejh; għaliex id-dawl ta' filgħodu, li kien daħal sewwa, kien q'ed idejjqu, daqs tax-xamgħa ta' awl il-lejl: għaraf is-sodda tiegħu, il-għorfa tiegħu; qabad li kollox kien ħolm: il-knisja, il-kotra, il-patri, kollox kien għab; kollox barra minn ħaġa, dak l-uġiegħ in-naħa tax-xellug. Fil-ħin kien q'ed iħoss qalbu tħabbat għal erbgħa, b'leħġa, f'widnejh żanżin, tisfir ma jaqta' xejn, nar minn ġewwa, toqla f'ġismu kollu, agħar minn meta kien mar ġos-sodda. Baqa' bejngħaltejn għal ftit wieħed, qabel ma ħares fejn kellu l-uġiegħ; fl-aħħar kixef, ta daqqa ta' għajn imbażża'; u lemaħ għoqda moqżieża mbenġla, lewn il-brinġiel.

Ir-raġel ra ruħu mitluf: qabdu biża' kbir tal-mewt u biża' kbir, li għandu mnejn taħ aktar ġewwa, li jaqa' taħt idejn il-*monatti*, li jġorruh u jitfgħuh lazzarett. U jfittex kif jeħles milli tgħaddi minnu dil-biċċa li tkexkex, kien q'ed iħoss moħħu jitħawwad, jaqa' dlam fuqu, u jħoss riesaq fuqu l-ħin li ma jibqagħlux ras, ħlief kemm biżżejjed biex jati ruħu li jqatta' xagħru.

Ħataf il-qampiena, u heżżiżha. Deher minnufih Griżu, li kien qiegħed b'widnejh miftuħa għassa. Waqaf kemm kemm il-bogħod mis-sodda; fela b'ħarsa lil sidu u twettaq f'dak li kien basar filgħaxija.

"Griż!" qal Dun Rodrigu, bilkemm jiftaħ iqum bilqegħda: "dejjem sibtek lilek."

"Hekk hu, sinjur."

"Jien dejjem għamiltlek il-ġid."

"Għax qalbek tajba."

"Miegħek nista' nitkellem!"

"U l-mniegħel!"

"Iħossni ħażin, Griż."

"Rajt jien."

(1) Bil-malti *raħeb*.

"Jekk infieq, nagħmillek ġid aktar milli għamiltlek fl-imgħoddi." Griżu baqa' sieket, u qagħad jistenna biex kien s'er joħroġ b'dak il-kliem tal-bidu.

"Ma ridtux jafu ħadd ħliefek", tenna Dun Rodrigu: "Griż, nitolbok tagħmilli ħaġa."

"X'għandi naqdik", qal dan, iwieġeb kif kien imdorri għal kif ma kienx imdorri jkellmu sidu.

"Taf fejn joqgħod it-tabib Kjodu?"

"U ngħid li naf."

"Dak raġel, għax, jekk tħallsu tajjeb, iżomm moħbijin il-morda. Mur sejjaħlu: għidlu li natih erbgħa, sitt skuti ta' kull żjara, u iżjed, jekk ikun irid aktar minn hekk: imma kemm-il-darba jiġi malajr: u mexxi bil-għaqal, li ħadd ma jikxef."

"Ħsibtha tajjeb", qal Griżu: "sejjer u narġa' niġi dal-waqt."

"Isma', Griż: qabel tmur atini qatra ilma. Għandi nixfa kbira, li ma niflax iżjed."

"Le, sinjur", raġa' qal Griżu: "xejn mingħajr ma ssaqsi lit-tabib. Dan mard ibleħ: m'għandniex żmien x'nitilfu. La tinkeddx: fi tliet qabżiet inkun hawn ma' Kjodu."

Kif qal hekk, ħareġ u ħalla l-bieb imbexxaq.

Dun Rodrigu, li raġa' daħal taħt il-friex, baqa' bil-ħsieb iwasslu sad-dar ta' Kjodu, igħodd il-passi, (1) iqis iż-żmien. Waqtiet kien jarġa' jħares lejn il-għoqda: imma minnufih kien idawwar wiċċu n-naħa l-oħra, jistkerrha.

Wara ftit beda jissamma', ħa' jisma' hux ġej it-tabib: u dik il-ġibda ta' moħħ kollha ma kenitx tħallih iħoss il-mard u żżommlu rasu li ma tintilefx.

F'daqqa waħda jisma' ċempil fil-bogħod, imma li deherlu kien ġej minn ġewwa u mhux mit-trieq. Jiftaħ widnejh: iħossu aktar qawwi, aktar imtenni; u fil-ħin tkaxkir ta' saqajn: igħaddi minn moħħu ħsieb ħażin li jwerwer. Iqum bil-qegħda, u jiftaħ aktar widnejh; jisma' ħoss magħluq fil-għorfa qrib, bħal ta' ħaġa tqila li tqegħdet fl-art bil-qajla: jitfa' riġlejh barra mis-sodda, bhalkieku biex jqum, iħares lejn il-bieb, jarah jinfetaħ, jara jfeġġu u ġejjin lejh tnejn b'libsa ħamra fuqhom maħmuġa u migduda, żewġ uċuħ is-saħta, żewġ *monatti*, f'kelma waħda; jilmaħ nofs wiċċ Griżu li, moħbi wara bieba mbexxqa, qiegħed hemm igħasses.

(1) Bil-malti *atar.*

" Għamilthieli, bla ġieħ l'int! Aqalgħu l-barra, ja ħafna klieb! Bjondinu! Karlottu! għajnuna! q'ed joqtluni!" igħajjat Dun Rodrigu; idaħħal idu taħt l-imħadda, biex ifittex pistola, jaqbadha, jiġbidha barra; imma, ma' l-ewwel għajta, il-*monatti* kienu telqu b'ġirja lejn is-sodda; l-aktar ħafif hu fuqu, qabel ma hu jista' jagħmel xejn; jaħtaflu minn idu l-pistola, iwaddabha l-bogħod, imiddu, u jżommu msammar mas-sodda, fil-ħin li jgħajjat miegħu b'leħen ta' herra u ta' tmasħir: "ja wiċċ bla mistħija! tħebb għall-*monatti*, għall-qaddejja tal-Qrati! għal dawk li jagħmlu l-egħmejjel tal-ħniena!"

" Żommu tajjeb, sa ma nġorruh barra", qallu sieħbu, waqt li kien sejjer lejn senduq. U filwaqt daħal Griżu, u ntafa' miegħu jgħinu biex ikissru u jiftħu.

" Ja raġel ħażin!" għajjat Dun Rodrigu, iħares lejh minn taħt l-ieħor li kien q'ed iżommu u jitħabat bejn dawk id-dirgħajn felħanin. " Ħalluni noqtol lil dak il-bniedem bla ġieħ", qal imbagħad lill-*monatti*, " u wara għamlu bija li tridu." Imbagħad raġa' beda jsejjaħ, b'kemm leħen kellu, lin-nies l-oħra tiegħu: imma għalxejn, għax Griżu, bniedem ta' min jistmerru, kien bgħathom il-bogħod b'qadjiet, li paspar hu, ta' sidu, qabel ma mar iwebbel lill-*monatti* biex jiġu jġorruh, u jaqsmu l-priża.

" Oqgħod, oqgħod!" qal lill-imsejken Rodrigu l-argużin li kien q'ed iżommu msammar mas-sodda. U mbagħad, idawwar wiċċu lejn it-tnejn li kienu qegħdin igeddsu s-serqa, għajjat: " agħmlu l-ħwejjeġ ta' rġiel!"

" Inti! inti!" sejjer igħajjat qisu barri Dun Rodrigu lejn Griżu, li kien q'ed jarah kollu mħabbat ikisser, jaqla' barra flus, ħwejjeġ, u jqassam: "Inti! wara!... ja mingħul! Għadni nista' nfieq! nista' nfieq!" Griżu ma jitniffisx, u l-anqas, kemm jista' ma jdur lejn in-naħa mnejn ġej dak il-kliem.

" Żommu tajjeb", qal il-*monatt* l-ieħor: "mitluf".

U kien għoddu minnu. Wara għajta tal-waħx, wara li għall-aħħar darba għamel ħiltu b'saħħa aqwa minn qabel biex jeħles minn dawk id-dirgħajn, intelaq f'daqqa waħda bla saħħa u mibluħ: kien baqa' imma jħares bħal imgħaġġeb, u drabi kien jitħarrek jew jingħi.

Il-*monatti* qabduh, wieħed minn riġlejh u l-ieħor minn spallejh (1) u marru meddewh fuq katalett, li kienu ħallew

(1) Bil-malti *kitfejh*.

fil-għorfa ta' qabel; imbagħad wieħed minnhom raġa' l-ura biex iġib dak li kienu serqu; imbagħad rafgħu t-tagħbija, li kienet ta' min jitħassarha u jistmerrha f'ħin wieħed.

Griżu baqa' jagħżel xi teftifa oħra li kienet tista' tgħodd għalih; għamel kollox sorra, u rħielha. Tabilħaqq li kien ħa l-ħsieb kollu li ma jmiss qatt mal-*monatti*, li ma jħallihomx imissu miegħu; imma, f'dik l-aħħar telfa li biha kien q'ed igerfex, qabad, ħdejn is-sodda, il-ħwejjeġ ta' sidu, u tahom tfarfira, mingħajr ma ħaseb f'xejn, biex jara kienx fihom flus. Imma kellu jaħseb f'dan il-għada, għax, waqt li kien q'ed f'ħanut jiekol u jixrob daqs ħanżir, qabdu f'daqqa l-bard, tgħammxulu għajnejh, riġlejh ma felħux, u nstabat ma' l-art. Sħabu telquh, waqa' f'idejn il-*monatti*, li, wara li neżżgħuh minn kull ma kellu tajjeb fuqu, tefgħuh fuq karru; li fuqu ħarġet ruħu, qabel ma wasal lazzarett, fejn kienu ħadu lil sidu.

**Dun Pawl**